KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.1.2006
KUMM(2006)29 finali

2006/0009(CNS)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju tal-protezzjoni ċivili (imfassla mill-ġdid)

{SEK(2006)113}

(preżentata mill-Kummissjoni)

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-bażi għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Il-mekkaniżmu Komunitarju tal-protezzjoni ċivili [minn hawn 'il quddiem: il-mekkaniżmu] ġie stabbilit fl-2001 biex jappoġġa u jiffaċilita l-mobilizzazzjoni u l-koordinament ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili fl-eventwalità ta' emerġenzi kbar ġewwa l-Unjoni jew lil hinn minnha. Mit-twaqqif tiegħu, wera ruħu bħala strument sempliċi imma effikaċi li jippermetti kooperazzjoni aktar mill-qrib u koordinament aħjar fl-interventi ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili.

L-esperjenza riċenti tenfasizza l-ħtieġa li l-mekkaniżmu jiġi żviluppat lil hinn mill-mandat kurrenti tiegħu. L-għanijiet ewlenin ta' din il-proposta huma t-tisħiħ tal-mekkaniżmu, fuq il-bażi ta' dak li tgħallimna minn emerġenzi ta' l-imgħoddi, u l-provvista ta' bażi legali għal azzjonjiet Komunitarji addizzjonali li huma meħtieġa biex jingħelbu l-isfidi ta' llum fl-interventi tal-protezzjoni ċivili. Il-proposta tissejjes fuq l-ideat esposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-titjib tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili", adottat fl-20 ta' April 2005[1], u tqis il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fit-18 ta' Lulju 2005. Tissejjes ukoll fuq il-Komunikazzjoni UE Ristretta "Nibnu s-solidarjetà permezz ta' l-għajnuna reċiproka" tat-8 ta' Novembru 2005[2].

Barra minn hekk, il-proposta tikkunsidra sensiela ta' dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew li jistabbilixxu orjentamenti politiċi għall-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni Ewropea fil-protezzjoni ċivili. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2004 talab li "l-kooperazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni ċivili [...] tittejjeb, b'rifless tar-rieda ta' l-Istati Membri li jaġixxu fis-solidarjetà". Il-Kunsil Ewropew ta' Diċembru 2004 sostna mill-ġdid il-ħtieġa għal "evalwazzjoni u żvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili, inklużi l-eżerċizzji konġunti u l-koordinament ta' l-informazzjoni pubblika". Wara t-tsunami fin-Nofsinhar ta' l-Ażja, il-Kunsill adotta Pjan ta' Azzjoni li ġabar fih l-inizjattivi kollha meħuda, jew li kellhom jittieħdu, mill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha, inklużi t-titjibiet possibbli għall-Mekkaniżmu u l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida ta' l-UE biex taffronta d-diżastri[3]. Fl-istess waqt, il-Parlament Ewropew sejjaħ għall-"ħolqien ta' għadd ta' unitajiet mhux militari speċjalizzati fil-protezzjoni ċivili, bit-tagħmir adattat, li għandhom jieħdu taħriġ konġunt u jkunu disponibbli fl-eventwalità ta' [diżastri] fi ħdan l-Unjoni jew fil-bqija tad-dinja". F'Ġunju 2005, il-Kunsill Ewropew talab li tittieħed azzjoni prijoritarja dwar "it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili [...] u l-iżvilupp ta' kapaċità tar-reazzjoni rapida bbażata fuq il-moduli tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri".

Flimkien, dawn id-dikjarazzjonijiet ifasslu orjentament ċar għall-kooperazzjoni fil-protezzjoni ċivili tal-ġejjieni fuq il-livell Ewropew.

---

1 COM(2005) 137 tat-20.4.2005.

2 SEC(2005) 1406 tat-8.11.2005.

3 B'risposta, il-Kummissjoni fl-20 ta' April 2005 adottat Komunikazzjoni dwar "It-Tisħiħ tar-Risposta ta' l-UE għad-Diżastri u l-Kriżijiet f'pajjiżi terzi", COM(2005) 153, u Komunikazzjoni dwar "It-Titjib tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili", COM(2005) 137.

- **Il-kuntest ġenerali**

F'dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda sinifikanti fl-okkorrenza, is-severità u l-intensità tad-diżastri naturali, bir-riżultat ta' l-imwiet ta' nies, il-qerda ta' l-infrastruttura ekonomika u soċjali u t-tnawwir ta' ekosistemi li diġà xejn ma kienu b'saħħithom. Riskji teknoloġiċi ġodda qegħdin jagħmlu l-protezzjoni ċivili aktar kumplessa. Attakki terroristiċi f'diversi postijiet fl-UE enfasizzaw l-importanza tal-ġestjoni effikaċi tal-konsegwenzi.

F'dawn l-aħħar tliet snin, kiber sew l-għadd ta' pajjiżi li daru għall-mekkaniżmu għall-għajnuna immedjata tal-protezzjoni ċivili. Fl-ewwel għaxar xhur ta' l-2005, aktar minn għaxar pajjiżi talbu li jingħataw l-għajnuna permezz tal-mekkaniżmu. Stati Membri, pajjiżi kandidati, sħab fid-dinja li qed tiżviluppa u wħud mill-pajjiżi l-aktar għonja użaw il-mekkaniżmu biex tingħatalhom l-għajnuna ħalli jaffrontaw diżastri li sebqu l-kapaċitajiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Fil-preżent, hemm żewġ strumenti legali li jiggvernaw il-kooperazzjoni tal-protezzjoni ċivili fuq il-livell Komunitarju:

i) id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE tad-9 ta' Diċembru 1999 stabbiliet programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-protezzjoni ċivili[4], li kellu jiskadi fi tmiem l-2004, iżda li ġie estiż sa tmiem l-2006. Jakkumpanjawh hemm għadd ta' baġits speċifiċi multijannwali.

ii) id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' l-għajnuna fil-qasam tal-protezzjoni ċivili[5]. Dan l-istrument ma għandu l-ebda aspett finanzjarju; jiffoka fuq l-obbligi operattivi ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Din il-proposta torbot mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom. Temenda d-Deċiżjoni biex tippermetti kooperazzjoni u koordinament imtejba.

- **Il-konsistenza ma' linji ta' politika u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Ingħatat attenzjoni partikolari biex ma tiġi evitata d-duplikazzjoni ma' azzjonijiet li jitwettqu taħt strumenti u linji ta' politika oħra Komunitarji, partikolarment l-għajnuna umanitarja tal-KE.

[4] ĠU L 327, 21.12.1999, p. 53.
[5] ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7.

## 2) IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-EVALWAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

*Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali ta' min wieġeb*

Fit-tħejjija ta' din il-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, il-ħames pajjiżi addizzjonali li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu[6] u, permezz ta' proċess pubbliku ta' konsultazzjoni, partijiet oħra interessati. Dokument ta' diskussjoni ġie ppubblikat fuq l-Internet, u ssejħet laqgħa ta' konsultazzjoni.

*Ġabra fil-qosor ta' tweġibiet u kif dawn ġew ikkunsidrati*

Il-proċess ta' konsultazzjoni wera li kien hemm appoġġ wiesa' għall-mira globali tal-politika, jiġifieri t-tisħiħ ta' l-istrumenti eżistenti fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Dawk li wieġbu esprimew il-qbil ġenerali tagħhom mal-miri identifikati fid-dokument ta' konsultazzjoni, u appoġġaw l-għażla tal-Kummissjoni li tkompli tibni fuq l-istrument eżistenti, minflok ma toħloq strumenti ġodda. Oħrajn esprimew id-dubji tagħhom dwar kemm kien f'loku l-format propost ta' Direttiva, u enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu rrispettati l-perspettivi finanzjarji globali, u li l-iżviluppi futuri jissejsu fuq analiżi komprensiva tad-defiċit.

Xi wħud innutaw il-ħtieġa li l-għajnuna Ewropea tal-protezzjoni ċivili ssir aktar viżibbli. Oħrajn iffukaw fuq il-ħtieġa li l-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi rrispettat, u li jiġi mmassimizzat il-valur miżjud fuq il-livell ta' l-UE. Xi Stati Membri enfasizzaw ukoll il-ħtieġa ta' l-iżgurar tal-koordinament u l-komplementarjetà bejn l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili f'pajjiżi terzi. Xi partijiet interessati saħqu fuq l-importanza tat-twissija bikrija. Dawn il-fehmiet kollha ġew ikkunsidrati.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet mill-20/01/2005 sal-01/06/2005. Ir-riżultati disponibbli fis-sit:
http://europa.eu.int/comm/environment/civil/consult_new_instrument.htm.

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

Ma kienx hemm bżonn ta' għarfien espert estern. Il-proposta gawdiet mill-esperjenza li nksibet mir-reazzjonijiet ta' l-imgħoddi għad-diżastri fil-kuntest tal-mekkaniżmu.

- **L-evalwazzjoni ta' l-impatt**

Tqiesu tliet għażliet prinċipali fit-tħejjija ta' din il-proposta.

L-ewwel għażla kienet it-twarrib ta' kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva. Din l-għażla ma kenitx tħalli lill-Komunità tilħaq l-għanijiet tal-politika stabbiliti mill-Kunsill Ewropew u mill-Parlament Ewropew.

L-aktar għażla ambizzjuża li hija disponibbli għall-ilħiq ta' dawn l-għanijiet hija l-

[6] Dawn huma: il-Bulgarija, ir-Rumanija, l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

ħolqien ta' qawwa permanenti Ewropea tal-protezzjoni ċivili. Filwaqt li tagħmel użu mit-timijiet tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri, il-qawwa tkun tista' tinżamm imħejjija fuq il-livell Ewropew biex tkun tista' tirreaġixxi malajr għall-emerġenzi. Minkejja li din l-għażla tippreżenta diversi vantaġġi, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħeffa, l-effikaċja, il-viżibbiltà u l-koordinament, madankollu mhijiex meqjusa realistika f'dan l-istadju ta' l-iżvilupp tal-mekkaniżmu, minħabba l-implikazzjonijiet finanzjarji u amministrattivi tagħha.

It-tielet għażla hija li jiddaħħlu għadd ta' elementi ta' titjib fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tiggverna l-mekkaniżmu. Din it-triq tħalli lill-Komunità tkompli ssus wara ambizzjoni akbar fil-kooperazjoni tal-protezzjoni ċivili, filwaqt li tibqa' prammatika u effikaċi fl-infiq. Lill-Komunità tħalliha tkompli tibni fuq ir-riżorsi tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri, bħala l-mezz ewlieni li permezz tiegħu tiġi implimentata l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili ta' l-UE, u tħalliha tkompli tagħti appoġġ addizzjonali biex tikkompleta r-riżorsi ta' l-Istati Membri. Filwaqt li tevita l-ispejjeż finanzjarji assoċjati ma' l-għażla 2, il-proposta tiggarantixxi bilanċ adatt bejn azzjonijiet ta' appoġġ u dawk komplementari, li lill-Komunità bħala tali sejjer jippermettilha tgħin lil dawk milquta minn emerġenzi kbar.

## 3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Din il-proposta hija tfassil mill-ġdid tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/EC, Euratom, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-teknika tat-tfassil mill-ġdid ta' l-atti legali. Tinkorpora f'test wieħed sew l-emendi sostantivi li tagħmel lid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/EC, Euratom, u d-dispożizzjonijiet mhux mibdula ta' din ta' l-aħħar. Il-proposta sejra tieħu post u tirrevoka din id-Deċiżjoni. Dan jgħin biex jagħmel il-leġiżlazzjoni Komunitarja aktar aċċessibbli u trasparenti.

- **Il-bażi legali**

Skond l-Artikolu 3(1)(u) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-attivitajiet tal-Komunità għandhom jinkludu miżuri fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. Ġaladarba l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili tista' tiġi meħtieġa wkoll fl-eventwalità ta' emerġenzi radjoloġiċi, jeħtieġ li din il-proposta tissejjes ukoll fuq it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Fin-nuqqas ta' bażi legali speċifika għall-protezzjoni ċivili, din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 203 tat-Trattat ta' l-Euratom. Dawn iż-żewġ bażijiet legali jipprovdu għall-istess proċedura għat-teħid tad-deċiżjonijiet, jiġifieri li l-Kunsill għandu jieħu l-miżuri adatti, b'aġir unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri għar-

raġunijiet li ġejjin.

Il-mekkaniżmu ġie stabbilit minħabba li diżastri kbar jistgħu jisbqu l-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru individwali. Meta dan iseħħ, l-għajnuna reċiproka tal-protezzjoni ċivili tkun komplement neċessarju għall-kapaċitajiet nazzjonali ta' reazzjoni.

L-għanijiet tal-proposta jintlaħqu aħjar permezz ta' azzjoni Komunitarja għar-raġunijiet li ġejjin:

It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Komunità biex tipprovdi għajnuna effikaċi tal-protezzjoni ċivili fl-eventwalità ta' emerġenzi kbar huwa fl-istess ħin imperattiv politiku u ħtieġa prattika. Il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew irrikonoxxew il-ħtieġa ta kooperazzjoni aktar qawwija fil-protezzjoni ċivili fuq il-livell ta' l-UE. Lill-Istati Membri, il-proposta sejra tippermettilhom jagħtu kontribut aktar effikaċi għall-għajnuna Komunitarja tal-protezzjoni ċivili, u jibbenefikaw minn koordinament u kooperazzjoni mtejba f'qafas legali aktar b'saħħtu. Fl-istess ħin, lill-Istati Membri sserrħilhom rashom li, f'każ ta' bżonn, jirċievu mingħand l-Istati Membri l-oħra għajnuna effikaċi u kkordinata sew tal-protezzjoni ċivili.

Din il-proposta tħalli wkoll lill-Istati Membri jfittxu li jibbenefikaw minn ekonomiji ta' l-iskala f'ċerti oqsma, bħalma huma l-oġistika u t-trasport, u tippermetti l-użu aħjar tar-riżorsi skarsi.

Fil-qosor, il-proposta taħseb għal kooperazzjoni mtejba fuq il-livell Komunitarju, biex tappoġġa u tikkompleta l-isforzi ta' l-Istati Membri meta jirreaġixxu għal emerġenzi kbar li jisbqu l-kapaċitajiet nazzjonali ta' reazzjoni.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet. Issewwi nuqqasijiet li ġew identifikati f'interventi ta' l-imgħoddi, u tibni fuq il-mandati suċċessivi li ngħataw mill-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew.

Il-piż amministrattiv li jaqa' fuq il-Komunità u fuq l-awtoritajiet nazzjonali huwa limitat, u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex il-Komunità titħalla tiżgura reazzjoni effettiva tal-protezzjoni ċivili fil-każ ta' talbiet għall-għajnuna.

- **L-għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: Deċiżjoni tal-Kunsill

Mezzi oħra ma jkunux adattati għar-raġuni(jiet) li ġejja/in:

Tfassil mill-ġdid tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom jista' jsir biss permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

## 4) L-IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit Komunitarju.

## 5) INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

- **Is-Simplifikar**

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikar tal-leġiżlazzjoni.

L-użu tal-metodu tat-tfassil mill-ġdid jippermetti lill-Komunità tgħaqqad f'test wieħed sew l-emendi sostantivi proposti għad-Deċiżjoni tal-Kunsill, u d-dipożizzjonjiet mhux mibdula ta' din ta' l-aħħar. Barra minn hekk, it-test oriġinali tad-Deċiżjoni ġie mtejjeb u ċċċarat fl-interess tar-regolazzjoni aħjar. Dan wassal għal għadd ta' taħsiriet u tibdiliet, li ma jaffettwawx is-sustanza tad-Deċiżjoni.

- **Ir-revoka ta' leġiżlazzjoni eżistenti**

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **Klawżola ta' analiżi/reviżjoni/estinzjoni**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' analiżi.

- **It-tfassil mill-ġdid**

Il-proposta tinvolvi t-tfassil mill-ġdid.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għandu għalhekk jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

- **Spjegazzjoni dettalljata tal-proposta**

Dan li ġej jiġbor fil-qosor il-proposti ewlenin.

**1. It-trasport**

(a) Il-qagħda fil-preżent

Fil-preżent, kull Stat Membru huwa responsabbli għall-arranġamenti għat-trasport ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili tiegħu. In-nuqqas ta' mezzi ta' trasport disponibbli sallum kien l-aktar problema importanti li kienet qed ittellef l-effikaċja ta' l-interventi ta' l-għajnuna Ewropea tal-protezzjoni ċivili. F'kull intervent riċenti, bosta Stati Membri rrappurtaw li, filwaqt li kienu fil-qagħda li jagħtu l-għajnuna mitluba, ma setgħux jagħmlu l-arranġamenti għat-trasport.

Ir-raġunijiet huma ħafna u varjati. Mhux kull awtorità tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri għandha l-mezzi tagħha tat-trasport bl-ajru li tista' sserraħ fuqhom fi kwalunkwe waqt. F'xi każijiet ma hemm l-ebda proċeduri biex jintużaw il-mezzi

militari nazzjonali għat-trapsort ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili. L-arranġamenti għall-użu ta' ajruplani kummerċjali spiss ikunu kumplikati u jieħdu ħafna ħin. L-Istati Membri jistgħu jkunu qed jikkompetu għall-istess mezzi. Barra minn hekk, l-ispejjeż tat-trasport f'xi każijiet ma jkunux proporzjonati mal-valur finanzjarju ta' l-għajnuna.

Kif jidher mill-evalwazzjoni ta' l-impatt, dawn il-problemi ta' spiss ikollhom ir-riżultat li l-għajnuna tant meħtieġa tiddewwem jew ma tintbagħatx. Anki meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jidħlu għall-piż finanzjarju tat-trasport, dawn l-ispejjeż x'aktarx li jkollhom impatt negattiv fuq id-daqs jew it-tul ta' l-intervent, u b'hekk jimminimizzaw l-impatt pożittiv ta' l-għajnuna Komunitarja tal-protezzjoni ċivili.

(b) Il-proposti

Il-Komunità għandha tfittex il-kooperazzjoni aktar mill-qrib f'dan il-qasam. L-appoġġ Komunitarju – sew finanzjarju kif ukoll prattiku – għat-trasport ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili se jkollu l-effett li ssir disponibbli aktar għajnuna. Se jagħti spinta lill-kooperazzjoni, u jħalli li jkun hemm turija aktar viżibbli tas-solidarjetà kollettiva tagħna mal-pajjiżi li jkollhom bżonn l-għajnuna. Se jserraħ ras kull Stat Membru li jkun jista' joqgħod fuq l-għajnuna Komunitarja tal-protezzjoni ċivili, anki jekk il-mezzi ta' trasport ta' l-Istati Membri l-oħra jkunu eżawriti, insuffiċjenti jew mhux disponibbli. Fuq kollox, lill-Komunità sejjer jippermettilha ssalva aktar ħajjiet, u tiżgura s-sostenn tanġibbli u f'waqtu ta' dawk milquta mid-diżastri.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha għalhekk tinkludi approċċ ġdid għat-trasport ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili fil-kuntest tal-mekkaniżmu. Il-prinċipji ewlenin huma dawn:

i) It-trasport ta' l-għajnuna nazzjonali tal-protezzjoni ċivili jibqa' primarjament ir-responsabbiltà ta' kull pajjiż li jkun qed jipprovdi għajnuna permezz tal-mekkaniżmu. Din il-proposta tespliċita din ir-reponsabbiltà billi titlob lill-Istati Membri jieħdu l-passi biex jiżguraw it-trasport f'waqtu ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili.

ii) Fejn dan ikun possibbli, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jaqsmu ma' l-oħrajn ir-riżorsi tagħhom tat-trasport fi sforz kollettiv biex jimmassimizzaw l-għajnuna u jiżguraw li tasal bil-ħeffa.

iii) Il-finanzjament Komunitarju[7] għandu jintuża bħala xibka tas-sikurezza meta t-trasport nazzonali ma jkunx disponibbli, insuffiċjenti jew mhux kapaċi jwassal b'effikaċja. Sejjer iħalli l-Kummissjoni timmobilizza mezzi addizzjonali tat-trasport li jkunu meħtieġa biex tiġi żgurata reazzjoni rapida għal emerġenzi kbar, u li ma jkunux disponibbli mod ieħor. Regoli dettalljati dwar il-mobilizzazzjoni ta' mezzi addizzjonali tat-trasport sejrin jiġu stabbiliti skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 13.

**2. Lejn kapaċità Ewropea ta' reazzjoni rapida**

(a) Il-qagħda fil-preżent

L-interventi Komunitarji ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili jiġu implimentati permezz

7 Ara wkoll COM(2005)113 tas-06.4.2005, COM(2005)137 ta' l-20.04.2005 u COM(2005)153 ta' l-20.4.2005.

tat-timijiet, l-esperti u t-tagħmir li l-Istati Membri, fuq bażi volontarja, jkunu għamluhom disponibbli. Għal dan il-għan, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni jobbliga lill-Istati Membri jidentifikaw bil-quddiem it-timijiet u l-esperti li jkunu jistgħu jkunu disponibbli għal interventi fil-kuntest tal-mekkaniżmu Komunitarju. L-Artikolu 4(d) jqabbad lill-Kummissjoni timplimenta programm ta' taħriġ, li jikkonsisti f'korsijiet, eżerċizzji u l-iskambju ta' esperti, biex il-ħaddiema ta' l-intervent jkunu aktar ippreparati.

Dawn l-elementi, ta' valur kemm huma ta' valur, mhumiex biżżejjed biex jiżviluppaw kapaċità Ewropea ta' reazzjoni rapida, kif mitlub mill-Kunsill Ewropew. Dan tikkonfermah l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet, li ffukat fuq l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili li tkun disponibbli fl-eventwalità ta' attakki terroristiċi kbar fl-Unjoni. L-evalwazzjoni tikxef nuqqasijiet fil-kapaċità f'bosta oqsma li l-għajnuna reċiproka x'aktarx li tintalab fihom[8]. Jeħtieġ li dawn jiġu ttrattati biex jiġi żgurat li l-Komunità kollettivament tkun tista' tagħti l-għajnuna meta tqum il-ħtieġa.

Barra minn hekk, l-esperjenza ta' l-imgħoddi wriet li hemm limiti għal kwalunkwe sistema volontarja ta' l-għajnuna reċiproka, partikolarment meta riskji simili jaffettwaw diversi pajjiżi fl-istess ħin (pereżempju, attakki terroristiċi simultanji f'postijiet differenti fl-Unjoni, in-nirien tal-foresti, l-għargħar). Fi ftit kliem, l-għajnuna ta' l-Istati Membri tista' ma tkunx biżżejjed biex tiżgura reazzjoni rapida tal-protezzjoni ċivili fl-emerġenzi kollha.

(b) Il-proposti

Din il-proposta ddaħħal erba' innovazzjonijiet biex tesprimi l-ambizzjoni ta' l-Unjoni li tiżviluppa kapaċità ta' l-UE għar-reazzjoni rapida bbażata fuq il-moduli tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri.

L-ewwelnett, tikkonferma l-arranġamenti li diġà kien qabel dwarhom il-Kunsill fit-18 ta' Mejju 2004, meta kien adotta l-modalitajiet biex il-kontenut tad-*database* militari jsir disponibbli għall-mekkaniżmu. F'konformità ma' dawn il-modalitajiet, il-proposta tistieden lill-Istati Membri jinkludu informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' mezzi militari fir-risposta tagħhom għal talbiet għall-għajnuna.

It-tieni, kif talab il-Kunsill Ewropew, tagħmel sejħa biex l-Istati Membri jaħdmu għall-iżvilupp ta' moduli tal-protezzjoni ċivili. Dawn il-moduli huma arranġamenti speċifiċi u definiti minn qabel tar-riżorsi tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri, li jkunu kapaċi jirreaġixxu b'effikaċja għal talbiet għall-għajnuna li jitqassmu permezz tal-mekkaniżmu. Jikkonsistu f'tagħmir, staff jew xi taħlita tat-tnejn. Jeħtiġilhom ikunu għal kollox interoperabbli, u jistgħu jiġu ekwipaġġati u mħaddma bil-ħeffa biex jew jaqdu funzjonijiet ta' appoġġ jew inkella biex jilqgħu għal ħtiġijiet prijoritarji li jqumu mill-emerġenzi. Fl-iżvilupp ta' dawn il-moduli, għandhom jiġu esplorati s-sinerġiji possibbli ma' tipi oħra ta' għarfien espert li jkun rilevanti għar-reazzjoni għall-emerġenzi l-kbar. Fuq kollox, il-moduli jistgħu jiġu żviluppati jew minn Stat Membru wieħed jew inkella bil-ħidma flimkien minn Stati Membri differenti. Din il-possibbiltà

---

[8] SEC(2005)1406 finali tat-08.11.2005, sezzjoni 5.

[9] Dwar id-differenzi bejn l-għajnuna Komunitarja tal-protezzjoni ċivili u l-għajnuna umanitarja tal-KE, ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2005) 137 ta' l-20.4.2005, is-sezzjoni 1.4.

ta' l-aħħar tkun tista' toħloq opportunitajiet addizzjonali għall-kooperazzjoni, partikolarment għall-pajjiżi aktar żgħar, u jħallu lill-Istati Membri kollha jikkontribwixxu, individwalment jew kollettivament, għall-interventi Komunitarji tal-protezzjoni ċivili. Meta l-moduli jkunu saru element importanti fid-*database* ta' l-għajnuna disponibbli, iċ-Ċentru għall-Monitoraġġ u l-Informazzjoni (*MIC*) ikun fil-qagħda li, malli tasallu talba għall-għajnuna, bil-ħeffa jidentifika l-iktar moduli meħtieġa u jfittex il-mobilizzazzjoni immedjata tagħhom permezz ta' l-Istat(i) Membru/i kompetenti.

It-tielet, l-evalwazzjoni tal-kapaċitajiet uriet il-ħtieġa għal aktar azzjoni fil-qasam tal-loġistika. Il-Komunità għandha tisfrutta l-ekonomiji ta' l-iskala f'dan il-qasam, u tiżgura li l-funzjonijiet ċentrali ta' appoġġ (il-komunikazzjoni, flotta ta' vetturi ħfief fuq il-post, il-provvisti, faċilitajiet tekniċi ta' ħanut tax-xogħol, eċċ) jistgħu jinqdew minn unitajiet dedikati fis-servizz tat-timijiet kollha ta' l-intervent ta' l-Istati Membri. Lil ta' l-aħħar, dan sejjer iħallihom jikkonċentraw fuq ħidmiethom tal-qalba, u b'hekk itejjeb l-effikaċja u jimmassimizza l-impatt ta' l-għajnuna Ewropea tal-protezzjoni ċivili. Il-moduli ta' appoġġ se jikkonsistu f'riżorsi ta' l-Istati Membri, li jintbagħtu mill-Istati Membri rilevanti f'konsultazzoni mal-Kummissjoni.

Fl-aħħarnett, filwaqt li l-għajnuna Komuitarja tal-protezzjoni ċivili għandha tibqa' sserraħ prinċipalment fuq il-kontributi volontarji mill-Istati Membri, din il-proposta tipprovdi l-qafas għal politika ġdida li lill-Komunità ġġibha fil-qagħda li tikkompleta l-għajnuna mingħand l-Istati Membri b'sostenn addizzjonali, bl-effikaċja fin-nefqa. Dan is-sostenn għandu jkollu l-għan li jagħti għajnuna li ma tistax tinkiseb mill-pajjiżi li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu. Tista' tikkonsisti fil-kiri, fuq bażi temporanja, ta' tagħmir speċifiku (mezzi ta' l-ajru għall-evakwazzjoni medika, pompi qawwija għall-għargħar, mezzi ta' l-ajru kontra n-nirien fil-foresti, eċċ.).

Din l-aħħar proposta sejra tirrikjedi t-tfassil ta' kriterji jew livelli massimi stretti, li għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 13. Mhijiex maħsuba biex tieħu post il-miżuri ta' preparatezza nazzjonali, u lanqas biex tipprovdi finanzjament Komunitarju għall-ksib ta' tagħmir tal-protezzjoni ċivili fuq il-livell ta' l-Istati Membri. L-għan tagħha huwa sempliċement tipprovdi xibka ta' sikurezza addizzjonali li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, dak li jkun jista' joqgħod fuqha biex tagħti suppliment għall-għajnuna disponibbli mingħand l-Istati Membri. Meta l-għajnuna ta' l-Istati Membri tkun insuffiċjenti, mhux disponibbli jew mhux effikaċi, tippermetti lill-Komunità li taqdi ħtiġijiet umanitarji speċifiċi jew tevita danni ambjentali irreparabbli.

Immirata kif inhi lejn it-titjib tas-sigurtà kollettiva taċ-ċittadini Ewropej permezz ta' xibka tas-sikurezza addizzjonali, din il-proposta tissodisfa r-rekwiżiti tan-neċessità u tas-sussidjarjetà. Hija prerekwiżit neċessarju biex tħalli lill-Komunità tirreaġixxi fi kwalunkwe waqt għal talba għall-għajnuna mingħand wieħed mill-Istati Membri tagħha, anki jekk l-għajnuna mitluba ma tkun tinstab fl-ebda Stat Memrbu ieħor jew jekk l-għajnuna nazzjonali mingħand l-Istati Membri l-oħra ma tkunx suffiċjenti jew disponibbli. Tipprovdi saff ieħor ta' protezzjoni u sigurtà li ma jistax jiġi ggarantit mill-Istati Membri fl-aġir individwali tagħhom.

**3. It-twissija bikrija**

Il-kapaċità tal-Komunità li tirreaġixxi bil-ħeffa għad-diżastri naturali tiddependi fuq id-disponibbiltà tas-sistemi tat-twissija bikrija li jħallu lill-Istati Membri u ċ-ċentru tal-

monitoraġġ u l-informazzjoni jieħdu l-azzjoni meħtieġa fl-iqsar żmien possibbli. Dawn is-sistemi għandhom iqisu s-sorsi eżistenti ta' l-informazzjoni, bħalma huma s-Sistema Globali tat-Twissija u l-Koordinament għad-Diżastri (*GDACS*) u s-sistema ta' twissija *UNDAC*. Billi tikkontribwixxi għall-izvilupp ta' dawn is-sistemi, il-Komunità għandha tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ biex jirreaġixxu għad-diżastri naturali, u ttejjeb il-kapaċità kollettiva ta' l-UE għar-reazzjoni rapida. Il-Kunsill esprima interess qawwi fl-issuktar ta' aktar ħidma f'dan il-qasam. Jeħtieġ li fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tinħoloq bażi legali soda biex din il-ħidma tinġieb 'il quddiem fi ħdan il-mekkaniżmu.

L-għan ewlieni ta' l-azzjoni Komunitarja proposta dwar it-twissija bikrija huwa li jipproteġi liċ-ċittadini Ewropej mill-effetti ta' diżastri naturali kbar. Eżempji ta' azzjonijiet rilevanti f'dan il-qasam jinkludu: l-evalwazzjoni u, fejn dan ikun meħtieġ, l-aġġornament ta' sistemi eżistenti tat-twissija bikrija, l-irbit aħjar bejn is-sietmi ta' individwazzjoni u dawk ta' twissija, l-identifikazzjoni ta' sinerġiji bejn is-sistemmi differenti u r-rabtiet bejniethom, għall-aċċess faċli min-naħa ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

**4. Il-koordinament ta' azzjonijiet f'pajjiżi terzi**

(a) Il-qagħda fil-preżent

Interventi ta' għajnuna barra mill-Komunità jistgħu jew jitwettqu awtonomament jew bħala kontribut għal operazzjoni mmexxija minn organizzazzjoni internazzjonali.

F'xi sitwazzjonijiet ta' diżastru, il-protezzjoni ċivili tintervjeni b'reazzjoni għall-ħtiġijiet umanitarji u tikkontribwixxi għal sforz umanitarju usa'. Sew l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili kif ukoll l-għajnuna umanitarja jaffrontaw il-ħtiġijiet immedjati li jqumu minn dizastri kbar. Filwaqt li l-interventi tal-protezzjoni ċivili tipikament ikunu ta' qasir żmien, l-operazzjonijiet umanitarji, bil-kontra, normalment jitkomplew lil hinn mill-fażi akuta ta' emerġenza[9]. Fi ħdan il-Kummissjoni, saru arranġamenti biex jiżguraw il-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Mekkaniżmu u l-*ECHO* u biex jippermettu reazzjoni komprensiva ta' emerġenza għad-diżastri. Il-proċeduri operattivi tal-Kummissjoni sejrin ikomplu jsaħħu s-sinerġiji bejn l-għajnuna umanitarja u tal-protezzjoni ċivili tal-KE, billi jibnu fuq ir-rwoli speċifiċi u l-vantaġġi komparattivi tagħhom. Dan għandu jippermetti wkoll rappurtar aktar korrett tal-kontributi umanitarji mogħtija mill-Komunità u mill-Istati Membri.

Saru wkoll sforzi partikolari biex jiġi żgurat koordinament tajjeb man-Nazzjonjiet Uniti. F'Ottubru 2004, gie ffirmat ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinament ta' l-Affarijiet Umanitarji (*OCHA*) biex jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi għal aktar kooperazzjoni u koordinament, u biex yiġi evitata d-duplikazzjoni bla ħtieġa ta' l-isforzi. Il-Kummissjoni sejra tkompli tfittex il-koordinament man-NU u ma' partijiet internazzjonali oħra biex timmassimizza l-użu tar-riżorsi disponibbli.

(b) Il-proposti

Il-koordinament imtejjeb fuq il-livell Komunitarju huwa prerekwiżit għas-sostenn ta' l-isforz globali ta' koordinament u għall-iżgurar ta' kontribut komprensiv Ewropew għall-isforz dinji ta' għajnuna. L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill għaldaqstant għandu jiċċara r-rwoli u r-responsabbiltajiet – hekk kif żviluppaw fil-prattika – ta' l-

Istat Membru li jkollu f'idejh il-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea, it-tim tal-koordinament tal-protezzjoni ċivili fil-lok, u l-Kummissjoni.

Il-Presidenza tikkoordina r-reazzjoni politika f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni. Fuq kollox, iżżomm il-kollegament mal-pajjiż affettwat, partikolarment fil-fażijiet tal-bidu ta' emerġenza kbira, biex tiffaċilita l-azzjoni bikrija ta' l-għajnuna Komunitarja. Din il-proposta toħloq ukoll il-possibbiltà li l-pajjiż li jkollu f'idejh il-Presidenza jitlob Stat Membru ieħor jieħu r-responsabbiltà, jew għal kollox jew parzjalment, għall-koordinament politiku. Dan jista' jkun ta' siwi, pereżempju meta emerġenza tibda waqt il-Presidenza ta' pajjiż u tkompli f'dik ta' pajjiż ieħor, jew meta jiġru diversi emerġenzi fl-istess ħin jew meta Presidenza ma jkollhiex relazzjonijiet bilaterali mal-pajjiż affettwat. Bl-istess mod, għandu jkun possibbli għall-Presidenza li titlob l-għajnuna tal-Kummissjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Permezz ta' l-*MIC*, il-Kummissjoni tikkordina r-reazzjoni Ewropea tal-protezzjoni ċivili fuq il-livell operattiv, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri li jkunu qed jagħtu l-għajnuna, il-pajjiż affettwat, u, fejn din tkun preżenti, in-NU. Meta talba tkun ġiet distribwita permezz tal-mekkaniżmu, l-Istati Membri kollha li jkunu qed jagħtu l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili għandhom ikunu kollegati ma' l-*MIC* biex il-Kummissjoni tkun tista' tiżgura kontribut Ewropew tal-protezzjoni ċivili fl-isforz globali ta' għajnuna. Meta dan ikun f'loku, il-Kummissjoni tiddeċiedi, f'konsultazzjoni mal-Presidenza, li timmobilizza u tingħat tim ta' evalwazzjoni u/jew koordinament li jkun magħmul minn esperti ta' l-Istati Membri. It-tim ta' evalwazzjoni u/jew koordinament għandu jingħata mandat ċar, kif ukoll l-awtorità formali biex jikkoordina t-timijiet tal-protezzjoni ċivili li jkunu qed joperaw fil-kuntest tal-mekkaniżmu Komunitarju. It-tim għandu jingħata l-appoġġ loġistiku bażiku, partikolarment it-tagħmir tal-komunikazzjoni, biex ikun jista' jikkoordina b'effikaċja l-għajnuna Ewropea tal-protezzjoni ċivili.

2006/0009(CNS)

| ⬇ 2001/792 (adattat) |
|---|

**⌦ Proposta għal⌫**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**~~tad-23 ta' Ottubru 2001~~**

**li tistabilixxi mekkaniżmu Komunitarju ~~li jiffaċilita l-kooperazzjoni rrinfurzata fl-interventi ta' assistenza fil-~~ ⌦ tal- ⌫ protezzjoni ċivili**

**~~(2001/792/KE, Euratom)~~**
**⌦(imfassla mill-ġdid)**
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ⌫**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 308 tiegħu,

~~u~~ ⌦ Wara li kkunsidra ⌫ t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[10],

Wara li kkunsdira l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[11],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⌦ Ewropew ⌫[12],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[13],

Billi:

| ⇩ ġdid |
|---|

(1) Għadd ta' tibdiliet sostanzjali għandhom isiru fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju biex jiffaċilita l-kooperazzjoni rrinfurzata fl-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili[14]. Għall-finijiet taċ-ċarezza, dik id-Deċiżjoni għandha titfassal mill-ġdid.

10 ĠU C […], […], p. […].
11 ĠU C […], […], p. […].
12 ĠU C […], […], p. […].
13 ĠU C […], […], p. […].
14 ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7.

(2) F'dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda sinifikanti fl-okkorrenza, is-severità u l-intensità tad-diżastri naturali, bir-riżultat ta' l-imwiet ta' nies, il-qerda ta' l-infrastruttura ekonomika u soċjali u l-ħsara lill-ambjent.

🡻 2001/792 premessa 1
⇨ ġdid

(3) ~~Filwaqt li l~~L-azzjoni Komunitarja sabiex timplimenta r-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, fit-8 ta' Lulju 1991 dwar it-titjib ta' l-għajnuna reċiproka bejn l-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali jew teknoloġiku[15] ~~tgħin~~għenet sabiex tipproteġi n-nies, l-ambjent u l-proprjetà~~, issa teżisti l-ħtieġa hi li tkun żgurata protezzjoni aħjar fil-każ ta' emerġenzi naturali, teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, inkluż it-tniġġiż aċċidentali tal-baħar, li jseħħu kemm ġewwa u kemm barra l-Unjoni Ewropea, u sabiex jissaħħu d-disposizzjonijiet tar-riżoluzzjoni~~. ⇨ Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (UN/ECE) dwar l-Effetti li Jaqsmu l-Fruntieri ta' l-Inċidenti Industrijali, approvata mill-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/685/KE[16], għenet biex tkompli ttejjeb il-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri industrijali. ⇦

🡻 2001/792 premessa 2 (adattat)

~~(2) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (UN/ECE) dwar l-Effetti li Jaqsmu l-Fruntieri ta' l-Inċidenti Industrijali, li fiha disposizzjonijiet dwar materji bħalma huma l-prevenzjoni, l-istat ta' preparazzjoni għall-emerġenzi, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku, is-sistemi li jinnotifikaw l-inċidenti industrijali, ir-rispons u l-assistenza reċiproka, daħlet fis-seħħ fid-19 ta' April 2000. Il-Konvenzjoni kienet approvata mill-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/685/KE[17]~~.

⇩ ġdid

(4) Permezz tad-Deċiżjoni 2001/792/KE, Euratom, ġie stabbilit mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni rrinfurzata fl-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili (minn hawn 'il quddiem: il-mekkaniżmu), li jqis ukoll il-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni iżolati, l-aktar periferali u oħrajn tal-Komunità. Dawn l-aħħar snin raw żieda konsiderevoli fl-għadd ta' pajjiżi li talbu l-assistenza mill-mekkaniżmu għall-għajnuna tal-protezzjoni ċivili. Il-mekkaniżmu għandu jissaħħaħ biex tiġi żgurata turija aktar effikaċi u viżibbli tas-solidarjetà Ewropea, u biex tippermetti l-iżvilupp ta' kapaċità Ewropea tar-reazzjoni rapida, kif talbu li jsir il-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tal-laqgħa tiegħu tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2005 u l-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2005 dwar id-diżastru tat-tsunami.

🡻 2001/792 premessa 3 (adattat)

~~(3) Mekkaniżmu li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili jista' jissupplimenta l-programm Komunitarju korrenti ta' azzjoni fil-qasam fil-protezzjoni ċivili[18] billi jagħmel disponibbli l-appoġġ fil-każ ta' emerġenzi~~

---

[15] ĠU C 198, 27.7.1991, p. 1.
[16] ĠU L 326, 3.12.1998, p. 1.
[17] ~~ĠU L 326, 3.12.1998, p. 1.~~
[18] ~~Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE ddatata d-9 ta' Diċembru 1999 li tistabbilixxi programm Komunitarju ta' azzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili (ĠU L 327, 21.12.1999, p. 53).~~

~~maġġuri li jistgħu jeħtieġu azzjoni urġenti tar-rispons. Dan jista' jiffaċilita l-organizzazzjoni u l-ġbir ta' timijiet ta' l-intervent, esperti u riżorsi oħra, kif meħtieġa, permezz ta' struttura rrinfurzata Komunitarja għall-protezzjoni ċivili li tikkonsisti f'ċentru tal-monitoraġġ u t-tagħrif u f'sistema komuni ta' komunikazzjoni u tagħrif f'emerġenza. Dan jista' jipprovdi wkoll opportunità sabiex jinġabar tagħrif ivvalidat dwar l-emerġenzi, sabiex jiddissemina t-tagħrif lill-Istati Membri u sabiex ikun hemm tqassim bejniethom tat-tagħlimiet mittieħda mill-interventi.~~

| ⬇ 2001/792 premessa 4 |
|---|

(5) ~~Dan il-~~ ⌦ Il-mekkaniżmu ⌫ jrid jikkunsidra ~~b'mod~~ kif mistħoqq ~~il-~~leġiżlazzjonijiet u obbliġi internazzjonali rilevanti Komunitarji. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi ta' l-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji koperti b'din id-Deċiżjoni.

| ⇩ ġdid |
|---|

(6) Il-mekkaniżmu għandu jiffaċilita r-reazzjoni tal-protezzjoni ċivili għal kull tip ta' emerġenza kbira, inklużi d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, atti ta' terroriżmu u t-tinġis aċċidentali ta' l-ibħra, kif tipprovdi d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2850/2000/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2000 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis ta' l-ibħra, sewwa jekk aċċidentali , u sewwa jekk deliberatament[19]. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili tista' tkun meħtieġa f'dawn l-emerġenzi kollha, biex tikkomplementa l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-pajjiż affettwat.

| ⬇ 2001/792 premessa 5<br>⇨ ġdid |
|---|

(7) Il-prevenzjoni hi ta' importanza sinifikanti għall-protezzjoni kontra d-diżastri naturali, teknoloġiċi u ambjentali u tkun teħtieġ li tiġi kkunsidrata iktar azzjoni. ⇨ Billi tagħti kontribut għall-issuktar ta' l-żvilupp ta' sistemi tat-twissija bikrija, il-Komunità għandha tgħin lill-Istati jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ biex jirreaġixxu għad-diżastri naturali. Dawn is-sistemi għandhom iqisu s-sorsi eżistenti ta' l-informazzjoni.⇦

| ⬇ 2001/792 premessa 7⇨ ġdid |
|---|

